# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 32**

**Rikors numru 408/16/1 JZM**

**Fimbank p.l.c. (C-17003)**

**v.**

**(1) Arex LLP, soċjetà reġistrata l-Ingilterra bin-numru ta' reġistrazzjoni numru OC 347513**

**(2) Dr. Joseph Mizzi u P.L. Helen Valenzia li b'digriet tas-26 ta' Mejju 2016 ġew maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil assenti Atilla Dogan**

**(3) Dr. Benjamin Valenzia u P.L. Mario Mifsud Bonnici b'digriet tas-26 ta' Mejju 2016 ġew maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil assenti Suheyla Dogan u b'digiret tal-1 ta' Frar 2022 ġie sostitwit il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bil-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud**

**(4) Dr. Leontine Calleja u P.L. Davinia Sullivan li b'digriet tas-26 ta' Mejju 2016 ġew maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil assenti kumpanija A.S.D. Enerji Madencilik Petrol Urunleri Sanayi ve Dis Ticaret Anonim Sirketi**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-Bank attur fl-24 ta’ Mejju, 2016, li fih jingħad:

> “1. Fit-30 ta` Mejju 2013, il-bank rikorrenti FIMBank p.l.c. (“Fimbank”) dahal fi ftehim mas-socjeta` Arex LLP permezz ta` liema Arex LLP inghatat facilita` bankarja konsistenti f`*Uncommitted Revolving Import Trade Finance Facility* (ara Dok FIM 1). Dan il-ftehim gie sussegwentement suggett ghal numru ta` emendi: L-ewwel emenda saret fit-30 ta` Novembru 2014 (ara Dok FIM 2), it-tieni emenda saret fit-22 ta` Dicembru 2014 (ara Dok FIM3) u t-tielet emenda saret fl-10 ta` Mejju 2015 (ara Dok FIM4) (dawn il-ftehemiet, meta jittiehdu flimkien u ser jigu msejha bhala il-“Facilita”). Skont din il-Facilita` s-socjeta` Arex LLP nghatat l-opportunita` li tissellef sa massimu ta` US $7,000,000. Il-Facilita` giet operata tramite kont bankarju li gie miftuh minn Fimbank bin-numru 004250-CCNT-USD-010, liema kont dejjem gie gestit f`Dollari Amerikani.
>
> 2. Fit-30 ta` Mejju 2013, is-socjeta` intimata, A.S.D. Enerji Madencilik Petrol Urunleri Sanayi ve Dis Ticaret Anonim Sirketi (“ASD”) dahlet fi ftehim mal-Fimbank fejn ikkostitwixxiet ruhha bhala garanti solidali flimkien mal-Arex LLP ghall-hlas lura ta` kwalunkwe dejn mhux saldat li jista` jkollha sa massimu ta` US $7,000,000 oltre` l-imghaxijiet u l-ispejjez (ara Dok FIM5). Bl-istess mod, fit-30 ta` Mejju 2013, l-intimati Dogan ukoll dahlu fi ftehim mal-Fimbank fejn ikkostitwixxwew ruhhom bhala garanti solidali flimkien mal-Arex LLP ghall-hlas lura ta` kwalunkwe dejn mhux saldat li jista` jkollha sa massimu ta` US $7,000,000, oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez (ara Dok FIM6) (iz-zewg skritturi ser jigu msejha bhala l- “Garanzija”).
>
> 3. Ai termini tal-Facilita`, u kif spjegat b`mod dettaljat fl-emenda li saret fl-10 ta` Mejju 2015, l-ammonti mislufin minn Fimbank kellhom jigu mhallsa f`erbgha hlasijiet mensili bejn Mejju 2015 u Gunju 2015 (ara klawzola 6.1 tal-Dok FIM4). Madankollu, id-dejn baqa` ma thallasx skont il-Facilita`u l-ammont pendenti, inkluz l-interessi sas-26 ta` April 2016 kien ta` USD 654,052.98 ekwivalenti ghal €573,227.85 u dan skont ir-rata tal-kambju ta`1.1410.
>
> 4. In-nuqqas ta` hlas tad-dejn hawn fuq deskritt, kien jikkostitwixxi *Default* skont il-Facilita`. B`mod partikolari issir referenza ghall-klawzola 6 tad-dokument FIM1 li jipprovdi:
>
>> “6.1 The Lender may by written notice to the Borrower terminate its duty to make the Facility available to the Borrower or if the Facility shall have been advanced demand the immediate repayment thereof (together with interest thereon, and all other sums due under this

Facility Letter or the Security Documents) on the occurrence of one of the following events:

6.1.1 The Borrower and/or Guarantors shall fail to pay to the Lender any amount (whether in respect of principal or interest or otherwise) payable to the Lender under the Facility or any of the documents set out in the Security Documentation clause on the due date of payment"

5. Fis-16 ta` Lulju 2015, is-socjeta` Fimbank baghtet ittra lis-socjeta` Arex LLP (ara Dok FIM 7) liema ittra kienet intitolata "*Notice of Default Re: Facility Letters dated 3 May 2013, 30 November 2014, 22 December 2014 and 10 May 2015".* F`din l-ittra, Fimbank infurmat lil Arex LLP li l-hlas tad-dejn li kellu jsir taht il-Facilita` ma sarx, bil-konsegwenza li Arex LLP naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali taghha. Fimbank infurmat lil Arex LLP li l-ittra kienet qed tintbaghat bhala *Notice of Default* ai termini tal-klawzola 6 tal- Facilita`. Fimbank talbet lis-socjeta` Arex LLP thallasha l-ammont ta` USD 602,077.70, liema ammont jinkludi l-imghax sas-16 ta` Gunju 2015, fi zmien sebat ijiem mid-data ta` l-ittra. Fimbank infurmat ukoll lis-socjeta` Arex LLP li l-Facilita` giet itterminata b`effett immedjat. Fimbank kienet precedentement diga` baghtet *notice of default* lil Arex LLP (Dok FIM 9). Dan il-hlas, sad-data ta` llum, ghadu ma sarx.

6. Fis-16 ta` Lulju 2015, Fimbank baghtet ittra lil A.S.D. kif ukoll ittra ohra lil Atila Dogan u Suheyla Dogan, bhala garanti skont il-Garanzija fejn talbithom ihallas id-dejn li gie arrekat mis-socjeta` Arex LLP ai termini tal-Facilita` u cioe` ta` USD 602,077.70, liema ammont jinkludi l-imghax sas-16 ta` Gunju 2015, fi zmien sebat ijiem mid-data ta` l-ittra (ara Dok FIM 8). Fimbank kienet precedentement diga` baghtet korrespondenza lil A.S.D, lil Atila Dogan u Suheyla Dogan titlobhom jhallsu l-ammont dovut skont il-Facilita` (Dok FIM 10- FIM 12). Dan il-hlas, ukoll, sad-data ta` llum, ma sarx.

7. Nonostante dawn id-diversi interpellazzjonijiet mill-Bank rikorrenti, l-intimati naqsu mill-obbligi kuntrattwali taghhom li jhallsu l-ammonti dovuti skont it-termini tal-Garanzija. Fimbank ipprocediet biex ipprezentat ittra ufficjali fil-Prim` Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta` Awwissu 2015 (numru 2776/15) izda ma sar l-ebda hlas tad-dejn dovut. Illi ghaldaqstant, is-socjeta` Fimbank ma kellhiex ghazla ohra li tipprocedi gudizzjarjament biex tirkupra d-dejn li ma thallasx.

8. Fil-fehma ta` Fimbank, l-intimati m`ghandhomx eccezzjonijiet x`iressqu ghal din it-talba.

9. L-esponenti jaf personalment il-fatti kif esposti f`din it-talba u qieghed ukoll jahlef kontestwalment it-traduzzjoni ta` dan l-att bil-lingwa Ingliza.

10. Jghidu ghalhekk, l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

> 10.1 tipprocedi ghas-sentenza skont it-talbiet ta` Fimbank b`dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta` l-artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta; u
>
> 10.2 tiddikjara li Arex LLP kissret l-obbligi kuntrattwali taghha skont il-Facilita`; u
>
> 10.3 tiddikjara li l-intimati Dogan u ASD, jew min minnhom, kisru l-obbligi kuntrattwali taghhom taht il-Garanzija; u
>
> 10.4 tiddikjara li l-bilanc dovut lil Fimbank mill-intimati, jew min minnhom, huwa ta` USD 654,052.98 ekwivalenti ghal €573,227.85 oltre l-imghaxijiet applikabbli skont il-Facilita` sa mis- 26 ta` April 2016; u
>
> 10.5 tordna lill-intimati, jew min minnhom, jhallsu lill-Fimbank l-ammont ta` USD 654,052.98 ekwivalenti ghal €573,227.85 oltre l-imghaxijiet applikabbli skont il-Facilita` sa mis- 26 ta` April 2016.
> Bl-ispejjez, u bl-imghax skont il-Facilita` mis-26 ta` April 2016 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fis-27 ta' Ġunju, 2016, minn Dr Leontine Calleja u P.L. Davina Sullivan, bħala Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti kumpanija A.S.D. Enerji Madencilik Petrol Urunleri Sanayi ve Dis Ticaret Anonim Sirketi ġewwa t-Turkija, li fiha jingħad:

> "1. Illi l-esponenti fil-prezent mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw illi jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, jekk ikun il-kaz.
>
> 2. Salv provi u eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz, meta jkun jafu bil-fatti kollha.
>
> Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti."

3. Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fl-4 ta' Lulju, 2016, minn Dr. Benjamin Valenzia u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici, bħala Kuraturi

Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Suheyla Dogan, li permezz tagħha jiġi eċċepit:

> "1. Illi f`dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw illi jipprezentaw risposta ulterjuri fl-istadju meta jkunu jistghu jaghmlu dana.
>
> 2. Illi l-esponent permezz ta` posta registrata fil-25 ta` Gunju 2016 baghat kopja tal-atti ta` dan ir-rikors guramentat lil Suheyla Dogan fl-indirizz indikat mis-socjeta` rikorrenti (ara Dok hawn anness u mmarkat bhala Dok. BV1).
>
> 3. Illi in linea preliminari qed tigi eccepita n-nullita` tal-procedura sommarja specjali adottata taht l-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta minhabba illi n-notice in bold ma gietx ikkancellata u ghalhekk il-procedura ghandha tigi kkunsidrata bhala wahda ta` rikors guramentat ordinarju u ghalhekk saru dawn l-eccezzjonijiet fiz-zmien indikat fl-istess rikors.
>
> 4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn qed jigu mharrka kuraturi deputati m`ghandhomx isiru bi procedimenti sommarji specjali ghaliex il-kuratur deputat mhuwiex f`pozizzjoni li jressaq eccezzjonijiet prima facie kif titlob il-ligi minhabba illi hu mhux edott mil-fatti. Ghaldaqstant din il-kawza m`ghandhiex tinstema` bi proceduri sommarji sabiex Suheyla Dogan (li hija assenti u s`issa mhux rintraccabbli) tinghata smigh xieraq.
>
> 5. Is-socjeta` rikorrenti ghandha taghti breakdown dettaljat ta` kif waslet biex hadmet is-somma li qed titlob."

4. Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2016, li permezz tiegħu, l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili pprovdiet li fid-dawl tan-natura tal-azzjoni u fuq kollox il-preżenza ta' kuraturi maħtura mill-Qorti li qegħdin jidhru għal persuni assenti minn dawn il-Gżejjer, il-Qorti ma kinitx ser tkompli tqis il-kawża bil-proċedura sommarja speċjali, iżda li kienet ser tittrattaha bħala kawża bil-proċedura ordinarja.

5. Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-2 ta' Novembru, 2016, minn Dr. Joseph Mizzi u P.L. Helen Valenzia, Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Atilla Dogan li taqra:

> "Illi l-kuraturi qeghdin jaghmlu tentattiv sabiex jikkuntatjaw lil Atilla Dogan fl-indirizz provdut, pero` sal-lum dawn it-tentattivi ghad ma kellhomx ezitu pozittiv u ghalhekk mhumiex edotti ghal fatti tal-kaz.
>
> Ghaldaqstant f`kaz li jirnexxielhom jaghmlu kuntatt jirriservaw li, bl-awtorizzazzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri."

6. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Jannar, 2017, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

> "Tichad it-talba numerata 10.1.
>
> Tilqa` t-talba numerata 10.2.
>
> Tilqa` t-talba numerata 10.3 limitatament fil-konfront tal-konvenuti Dogan.
>
> Tilqa` t-talba numerata 10.4 fil-konfront tal-konvenuti hlief ghall-konvenuta A.S.D. Enerji Madencilik Petrol Urunleri Sanayi ve Dis Tiscaret Anonim Sirketi.
>
> Tilqa` t-talba numerata 10.5 fil-konfront tal-konvenuti hlief ghall-konvenuta A.S.D. Enerji Madencilik Petrol Urunleri Sanayi ve Dis Tiscaret Anonim Sirketi.
>
> Tikkundanna lill-konvenuti Arex LL.P., Atilla Dogan u Suheyla Dogan sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu l-imghax kontrattat b`effett mis-26 ta` April 2016 sad-data tal-effettiv pagament.
>
> Tordna lill-bank attur sabiex ihallas l-ispejjez tal-konvenuta A.S.D. Enerji Madencilik Petrol Urunleri Sanayi ve Dis Tiscaret Anonim Sirketi.
>
> Tordna lill-konvenuti Arex LL.P., Atilla Dogan u Suheyla Dogan sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu l-ispejjez l-ohra ta` din il-kawza.
>
> Tordna li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi."

7. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"II. Provi

Kienet prezentata x-xiehda bl-affidavit ta` Andrea Batelli.

Xehed illi fit-30 ta` Mejju 2013, sar ftehim bejn Fimbank plc u l-konvenuta Arex LLP, fejn din inghatat facilita` bankarja konsistenti minn *Uncommitted Revolving Import Trade Finance Facility* skont Dok FIM 1. Il-ftehim originali kien emendata diversi drabi : fit-30 ta` Novembru 2014 (Dok FIM 2), fit-22 ta` Dicembru 2014 (Dok FIM 3) u fl-10 ta` Mejju 2015 (Dok FIM 4).

Skont din tal-ahhar, l-ammonti mislufa minn Fimbank kellhom jithallsu lura b`erba` hlasijiet mensili bejn Mejju 2015 u Gunju 2015 (klawzola 6.1 tal-Dok FIM 4). Skont il-ftehim, Arex LLP nghatat l-opportunita` li tissellef sa massimu ta` US $7,000,000. Dan is-self kien qed jigi operat tramite kont bankarju li kien miftuh minn Fimbank bin-numru 004250-CCNT-USD-010, liema kont dejjem gie gestit fid-Dollaru Amerikan. Skont Dok FIM 5, fit-30 ta` Mejju 2013, il-konvenuta A.S.D. Enerji Madencilik Petrol Urunleri Sanayi ve Dis Ticaret Anonim Sirketi ("ASD") ghamlet ftehim ma` Fimbank fejn ikkostitwixxiet ruhha bhala garanti solidali flimkien ma` Arex LLP ghall-hlas lura ta` kwalunkwe dejn mhux saldat sa massimu ta` US $7,000,000 oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez. Fl-istess data, sar ftehim iehor fejn il-konvenuti Dogan dahlu bhala garanti solidali flimkien ma` Arex LLP ghall-hlas lura ta` kwalunkwe dejn mhux saldat sa massimu ta` US $7,000,000, oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez (Dok FIM 6). Is-self baqa` ma thallasx skont il-ftehim, u l-ammont dovut, inkluz l-interessi sas-26 ta` April 2016, kien ta` US $654,052.98 ekwivalenti ghal €573,227.85 u dan skont ir-rata tal-kambju ta` 1.1410.

Xehdet illi skont klawzola 6 ta` Dok FIM 1, in-nuqqas fil-hlas lura tas-self kien jikkostitwixxi *default* :

> *"6.1 The Lender may by written notice to the Borrower terminate its duty to make the Facility available to the Borrower or if the Facility shall have been advanced demand the immediate repayment thereof (together with interest thereon, and all other sums due under this Facility Letter or the Security Documents) on the occurrence of one of the following events:*
>
> *6.1.1 The Borrower and/or Guarantors shall fail to pay to the Lender any amount (whether in respect of principal or interest or otherwise) payable to the Lender under the Facility or any of the documents set out in the Security Documentation clause on the due date of payment"*

Kompliet tghid illi fis-16 ta` Lulju 2015, Fimbank baghtet ittra lil Arex LLP (Dok FIM 7). L-ittra kienet intitolata : "*Notice of Default Re : Facility Letters dated 3 May 2013, 30 November 2014, 22 December 2014 and 10 May 2015*". Fl-ittra Arex LLP kienet infurmata li l-hlas tad-dejn li kellu jsir taht il-Facilita` ma kienx sar, bil-konsegwenza li Arex LLP naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali taghha. Fimbank infurmat lil Arex LLP li l-ittra kienet qed tintbaghat bhala *Notice of Default* ai termini tal-klawzola 6 tal-Facilita`. Fl-istess ittra, Fimbank talbet lil Arex LLP sabiex thallasha fi zmien sebat ijiem mid-data tal-ittra l-ammont ta` US $602,077.70, liema ammont kien jinkludi l-imghax sas-16 ta` Gunju 2015. Arex LLP kienet infurmata wkoll illi l-Facilita` kienet qeghda tigi terminata b`effett immedjat. Il-hlas lura baqa` ma sarx.

Kompliet tixhed illi fis-16 ta` Lulju 2015, Fimbank baghtet ittra lil A.S.D., u ittra ohra lil Atilla Dogan u Suheyla Dogan, fejn bhala garanti kienu nterpellati jhallsu fi zmien sebat ijiem mid-data tal-ittra d-dejn ta` Arex LLP skont il-Facilita` u cioe` US $602,077.70, liema ammont jinkludi l-imghax sas-16 ta` Gunju 2015 (Dok FIM 8). Qabel l-ittri tas-16 ta` Lulju 2015, Fimbank baghtet *notice of default* lil Arex LLP (Dok FIM 9) kif ukoll korrespondenza lil A.S.D, lil Atilla Dogan u Suheyla Dogan fejn intalab il-hlas ta` l-ammont dovut skont il-ftehim. (Dok FIM 10 sa FIM 12).

In segwitu kienet prezentata ittra ufficjali nru 2776/2015 fis-6 ta` Awissu 2015. Pero` l-konvenuti kollha baqghu inadempjenti. Ghalhekk saret din il-kawza.

Av. Dr. Sarah Engerer - *legal counsel* ta` l-bank attur ghal dawn l-ahhar hames snin – ikkonfermat illi d-dokumenti a fol 50 sa fol 77 huma kopji tad-dokumentazzjoni originali. Qalet illi Fimbank kellha *uncommitted revolving trade finance facility* ma` l-konvenuta Arex LLP. Bhala guarantors kien hemm il-konvenuti l-ohra. F`Mejju 2015, Arex LLP ma baqghetx thallas l-ammonti dovut skont kif patwit. Sas-26 ta` April 2016, hemm bilanc dovut ta` US $654,042.98 (kapital u interessi). Wara l-presentata tar-rikors guramentat, baqa` ma sar l-ebda hlas. Ipprezentat kopji ta` *statements of accounts* (Dok SE). Spjegat li d-dokumenti a fol 65 sa 77 huma *notices of default* li ntbaghtu minn Fimbank lill-konvenuti fejn intalab il-hlas immedjat ta` l-ammont dovut. Minkejja dawk in-*notices of default*, baqa` ma sar l-ebda hlas.

Fil-kontroezami, xehdet illi l-hlasijiet kienu jsiru minn Arex LLP mhux mill-*guarantors*. Il-modalita` tal-hlas kienet determinata fil-*facility agreements*.

III. Rizultanzi

Skont il-ftehim tat-30 ta` Mejju 2013, il-qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni li jisimghu u jiddeciedu din il-kawza. Il-klawsola 15.1 tal-kuntratt tghid :-

> "*This Facility Letter shall be governed by and construed in accordance with Maltese law and for the Lender`s exclusive benefit, the Borrower hereby sbmits to the jurisdiction of the Maltese Courts and waives any objection to Proceedings in the Maltese Courts on the grounds that the Proceedings have been brought in an inconvenient forum."*

Abbazi tal-ftehim bejn Fimbank u Arex a fol 15 et seq tal-process, jirrizulta li fit-30 ta` Mejju 2013, Fimbank tat lil Arex : "*an uncommitted revolving import trade finance facility...up to a maximum amount of US $ 7,000,000*" sabiex isir finanzjament "*by way of outward payments up to US $ 7,000,000 the procurement of coal (the `Goods`) mainly from Ukraine to Turkey (or other acceptable countries), from acceptable supplies ... shall include the financing of any related freight costs covering the delivery of financed goods to end buyers, against presentation of invoice and if applicable a copy of bill of lading ...*" (klawsola 1).

L-ammonti flimkien ma` l-interessi kellhom jithallsu "*within 210 days from drawdown date from sale proceeds received in the Borrower`s account with the Lender...The Facility shall be prepaid in full, with interest immediately upon the non-receipt of payment by the Lender for any reason whatsoever*." (klawsola 2)

Jirrizulta li l-kuntratt jahseb ghal meta jkun hemm *default*, u cioe` fejn nuqqas ta` hlas ikun raguni ghal Fimbank li ttemm il-facilita`. Ighid :-

> "*6.1 The Lender may by written notice to the Borrower terminate its duty to make the Facility available to the Borrower or if the Facility shall have been advanced demand the immediate repayment thereof (together with interest thereon, and all other sums due under this Facility Letter or the Security Documents) on the occurence of one of the following events:*
>
> *6.1.1 the Borrower shall fail to pay to the Lender any amount (whether in respect of principal or interest or otherwise) payable to the Lender under the Facility or any of the documents set out in the Security Documentation clause on the duew date of payment;*
>
> *6.1.2 the Borrower shall fail to duly and punctually perform or discharge any duty or liability under the Facility or any of the Security Documents.*"

Il-klawsola 6 hija kundizzjoni rizoluttiva espressa, li jahseb ghaliha **l-Art** 1067 tal-Kap 16.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (PA/GC) tal-10 ta` Gunju 2011 fil-kawza "Mario Blackman vs Kevin Micallef et noe" fejn saret riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Ottubru 11 2001 fil-kawza "Albert Mizzi noe vs Nutar Joseph Darmanin noe" u ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "Francis Abela vs Karl Bonello" tal-31 ta` Mejju 2002 fejn inghad illi :- "*kundizzjoni rizoluttiva espressa, il-Qorti ma taghtix zmien lill-parti*

*inadempjenti biex tispurga n-nuqqas taghha. Fejn invece il-kundizzjoni rizoluttiva m`hijiex espressa imma wahda tacita f`dan il-kaz il-kuntratt ma jinhallx ipso jure*.” Kienet citata wkoll id-decizjoni ta` din il-Qorti (PA/PS) tat-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza “Paul Borg et vs John Abela et” li kienet ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta` Jannar 1965 fil-kawza “Romeo Giulio Fenech Pace et vs Francis Sciberras” fejn inghad illi :- “*kif gie drabi ohra rimarkat, biex il-patt jinghad espress dak li jkun ried jigi stipulat espressament mhux biss l-obbligu ghall-ghoti jew ghemil ta` xi haga izda rrizoluzzjoni ta`, jew dekadenza, tal-kuntratt jekk dak l-obbligu ma jigix adempit*.” (ara wkoll is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-26 ta` Frar 1937 fil-kawza “Giuseppe Agius vs Maria Calleja noe”).

Dan premess, u stabbilit fil-kuntratt in ezami kien hemm patt kommissorju espress, il-Qorti trid tara jekk kenitx segwita l-procedura stabbilita fil-kuntratt ghal istanzi ta` *default.*

Fil-kuntratt hemm specifikat kif trid issir notifika valida ta` Arex LLP u dan billi “*any notice, demand or any other communication shall be sent to the borrower 6th Floor, 32 Ludgate Hill, London, United Kingdom and shall be deemed to have been received in the case of a telex or fac message at the time of despatch thereof and in the case of a letter sent by prepaid post on the expiry of four days after the same is posted*.”

Fil-klawsola 8 tal-ftehim jinghad :-

> *“8.1. Upon the occurence of a Default, without the need of an authorisation and/or confirmation from the competent court, all obligations between the parties will be accelerated and all amounts due from the Borrower to the Lender and vice versa shall be immediately due and payable. All obligations will be converted by the Lender into US Dollars at the rate of exchange at which the Lender woul be able, acting in a reasonable manner and in good faith, to purchase such currency.”*

Fl-istess kuntratt, jinghad kif kellhom jithallsu l-interessi kemm meta l-pagamenti jsiru kif patwit, kemm ukoll meta jkun hemm *default*:

> *“3.1 The Borrower will pay interest on the daily balance of the Facility outstanding from time to time at 3.50% per annum above the One Month London InterBank Offered Rate for USD as conclusively certified by the Lender, such interest to be compounded for a yearly basis.*
>
> *Accrued interes shall be paid on (i) the repayment dates stated in Clause 2.1 and (ii) on any date when a prepayment or other repayment of the Facility is payable, and shall be calculated on the basis of the actual number of days elapsed on the basis of a 360 day year.*
>
> *3.2 Default Interest*

*In the event of default by the Borrower in accordance with the provisions of Clause 6 of this Facility Letter, interest shall accrue on the daily balance of the sum due and payable, but unpaid by the Borrower under the Facility, from the due date to the date of actual payment (both before and after judgement) at the rate of 5% PER ANNUM ABOVE THE One Month London Interbank Offered Rate for USD or equivalent in any other currency, as conclusively certified by the Lender, such interest to be compounded on a yearly basis.*

*Default interest shall be debited to the Borrower`s account on a yearly basis or on the repayment date of each drawdown whichever is the earlier but shall remain immediately due and payable."*

Tajjeb li jigi rilevat illi fil-kors tat-twettieq tal-kuntratt, saru diversi emendi ghall-ftehim tal-bidu ; l-ahhar emenda kienet dik tal-10 ta` Mejju 2015 (fol 38 et seq). Hemm Arex LLP accettat li ma kenitx ghamlet il-hlasijiet kif miftiehem,u ghalhekk talbet *re-scheduling of the terms of payment indicated in clause 6.1.* Tajjeb jinghad illi Fimbank kien diga` hareg *notice of default* fid-29 ta` April 2015, izda minkejja dan, accetta *to re-schedule the terms of payment*. Fl-emenda tnizzel illi :-

*"4.1 The Borrower acknowledges itself as the true and lawful debtor in favour of the Lender, which accepts, in the sum of USD 741,218.94 including interest and charges accrued, as a debt certain, liquidated and due (`the Debt`."*

Il-patt kien illi l-ammont dovut jithallas bil-mod segwenti :

"6.*1 The Debt and interest and charges accrued after the date of this Addendum, shall be repaid in four (4) monthly instalments as indicated below and the remaining amount shall be settled in full by 25th June 2015 as follows :*

*1) 14th May 2015 – US $ 150,000*

*2) 28th May 2015 – US $ 200,000*

*3) 11th June 2015 – US $ 150,000*

*4) 25th June 2015 – US $234,594*

*together with any other outstanding interest and charges."*

Kien miftiehem izda l-effett ta` l-emenda kellu jintemm jekk ikun hemm *default* kif stipulat fl-artikolu 6.1.1 tal-ftehim tat-30 ta` Mejju 2013 kif ukoll fil-kaz li jkun hemm ksur ta` obbligi ravvizati f`din l-istess emenda. (ara klawsola 8 tal-ftehim).

Ghal darb` ohra, kien hemm patt kommisorju espress.

Dan premess, jirrizulta ppruvat illi minkejja dak li kien espressament patwit bejn Fimbank u Arex LLP, din ta` l-ahhar baqghet inadempjenti

u ma hallsitx kif kienet kontrattwalment obbligata taghmel. Ghalhekk Fimbank baghtet ittra datat 16 ta`Lulju 2015 b`*notice of default* (fol 67). Ghalkemm ghadda t-terminu ndikat fl-ittra, Arex LLP baqghet inadempjenti. Il-Qorti ssib kienet segwita l-procedura ta` notifika bil-miktub, u cio` nonostante Arex LLP kompliet fl-inadempjenza taghha.

Fimbank ipprezenta l-konteggi ta` kif wasal ghas-somma ta` EUR 654,052.98c inkluzi interessi li ghaddew sas-26 ta` April 2016. (fol 110 sa fol 112).

Il-konteggi ma kienux kontestati.

Il-Qorti rat il-konteggi u ssib li huma korretti u ppruvati.

L-imghaxijiet li ddekorrew wara s-26 ta` April 2016 sad-data tal-hlas effettiv ser jibqghu riservati.

Il-Qorti qeghda taccetta bhala tajba r-rata tal-kambju bejn il-US$ u l-€ utilizzata mill-bank attur.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti kontra l-konvenuta Arex LLP.

Daqstant ghal dak li jirrigwarda Arex LLP.

Tghaddi biex tqis il-posizzjoni tal-konvenuti l-ohra fil-vesti taghhom ta` garanti ta` Arex LLP.

Fil-kuntratt ta` bejn Fimbank u ASD tat-30 ta` Mejju 2013, kien hemm jurisdiction u *choice of law clauses* tal-ewwel faur il-qrati Maltin u t-tieni favur il-ligi Maltija (klawsola 12 - fol 47).

Kien miftiehem illi l-ammont garantit ma kellux ikun ta` aktar minn US $7,000,000 eskluzi interessi li jkunu dovuti fid-data tal-pagament u spejjez ohra. (klawsola 2.2 tal-ftehim a fol 43).

Fil-klawsola 2.3 kien miftiehem illi :

> *"As a separate and independent stipulation, the Guarantor agrees to indemnify the Bank on demand for any damages, losses, costs and expenses arising from any failure on the part of the Borrower to perform any obligation to the Bank and the Guarantor so agrees to indemnify the Bank even in the event that any obligation of the Borrower to the Bank ceases to be valid and enforceable against the Borrower for any reason whatsoever including, but without limitation, any legal limitation or any disability or incapacity of the Borrower. In such an event, the Guarantor shall be liable towards the Bank as if that Obligation was fully valid and enforceable and as if the Guarantor were the principal debtor in respect thereof and shall pay all sums due to the Bank within 7 days of a demand in writing by the Bank."*

Dwar il-metodu ta` kif pagament jintalab mill-garanti, il-ftehim ighid hekk:-

> "*10.1 All the indebtedness shall be due by the Guarantor under this Guarantee as a debt, certain, liquidated and due on the 7th day following the Bank`s first written demand to the Guarantor to pay. All demands shall be sent to the address or facsimile or other numbers as are stated above as the same may be changed by notice in writing by one party to the other.*
>
> *10.2 The statements by the Bank of the amount due under this Guarantee shall be binding on the Guarantor and shall be conclusive evidence of the sum due, saving only manifest error.*
>
> *10.3 All payments shall be made to the Bank without any withholding for taxes (and in so far as this obligation exists under any law the payment shall be grossed up by the amount of withholding) and without set-off for any amounts which may be then owing to the Guarantor by the Borrower or the bank. The Guarantor authorises the Bank to apply any credit balance the Guarantor may have with the bank towards the satisfaction of the Indebtedness. The Bank shall notify the Guarantor forthwith of the exercise of this right giving full details relating thereto.*"
>
> Il-ftehim jispecifika l-modalita` tan-notifika tal-garanti :-
> *"11. Every notice, request, demand, letter or other communication hereunder shall be in writing and shall be delivered by hand or by post or through any other communication methods including telex, telefax or otherwise and shall be deemed to be received in case of post within 7 days of dispatch or in case of other methods immediately upon confirmed transmission."*

Apparti ASD, kien hemm garanti ohra u cioe` il-konvenuti l-ohra.

Dawn kellhom kuntratt kwazi identiku ghal dak ta` bejn Fimbank u ASD.

L-uniku differenza kienet illi l-pagamenti kellhom isiru fi zmien hamest ijiem minflok sebat ijiem (ara klawsoli 2.3 u 10 tal-ftehim).

Jirrizulta li fis-16 ta` Lulju 2015 intbaghtet ittra registrata lill-konvenuti Dogan skont dak li kien miftiehem fil-kazi ta` default (fol 65-66 u fol 69-70).

Ma kenitx ipprezentata l-ittra li ntbaghtet lil ASD bhala *notice of default.* Ghal din il-Qorti din kienet tikkostitwixxi l-ahjar prova.

L-unika ittra li ntbaghtet lil ASD u li giet ezebita kienet ittra datata 29 ta` April 2015 (fol 76-77).

Madanakollu din l-ittra ta` default kienet superata bl-emenda ta` bejn Fimbank u Arex LLP tal-10 ta` Mejju 2015.

> Hija l-fehma tal-Qorti illi Fimbank ma ressaqx il-prova sal-grad rikjest mil-ligi li kien hemm osservanza ta` dak li kien kontrattwalment stipulat fil-klawsola 10.1 tal-ftehim tat-30 ta` Mejju 2013 fil-konfront ta` ASD.
>
> Ghaldaqstant qeghda tichad it-talbiet tal-bank attur fil-konfront ta` ASD.
>
> Fil-kaz tal-konvenuti Dogan, il-Qorti ssib li saret prova sal-grad rikjest mil-ligi (fol 65-66 u 69-70).
>
> Billi ghadda z-zmien stipolat mill-ftehim ghall-fini ta` notifika valida, qeghda tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti kontra dawk il-konvenuti."

8. Rat ir-rikors tas-soċjetà Fimbank plc, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti u filwaqt li tikkonferma s-sentenza fil-konfront tal-konvenuti Arex LLP u l-konvenuti Dogan, tibdel dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi fil-konfront ta' A.S.D. u minflok tiddeċiedi li t-talbiet fir-rikors ġuramentat enumerati 10.3, 10.4 u 10.5 jiġu milqugħa wkoll fil-konfront ta' A.S.D.. Inoltre, l-appellanti talbet li din il-Qorti tibdel ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat lill-Fimbank iħallas l-ispejjeż ta' A.S.D. u titlob lil din il-Qorti li tordna li A.S.D. tħallas l-imgħax kontrattat b'effett mis-26 ta' April, 2016 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjeż tal-proċeduri, *in solidum* mal-konvenuti l-oħra.

9. Rat ir-risposta tal-appell tal-kuraturi deputati Dr. Benjamin Valenzia u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Suheyla Dogan, li permezz tagħha rrimettew

ruħhom għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, b'dan illi f'każ li s-sentenza tiġi riformata, l-ispejjeż għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanti.

10. Rat ir-risposta tal-appell ta' Dr Leontine Calleja u P.L. Davina Sullivan bħala Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti kumpanija A.S.D. Enerji Madencilik Petrol Urunleri Sanayi ve Dis Ticaret Anonim Sirketi ġewwa t-Turkija (minn hawn 'il quddiem imsejħa A.S.D.), li permezz tagħha talbu li d-dokument ippreżentat mis-soċjetà attriċi mar-rikors tal-appell jiġi sfilzat u s-sentenza tal-Ewwel Qorti tiġi kkonfermata.

11. Rat li d-difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju, 2022, itrattaw l-appell li tħalla għas-sentenza.

12. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

13. Illi permezz ta' din il-kawża, il-bank attur qiegħed ifittex dikjarazzjoni tal-Qorti li s-soċjetà Arex LLP bħala d-debitriċi li sselfet il-flus mill-bank attur u li l-konvenuti l-oħra Dogan u s-soċjetà A.S.D. bħala garanti, kisru l-obbligi kuntrattwali tagħhom. Kwindi s-soċjetà attriċi Fimbank plc qiegħda tfittex dikjarazzjoni tal-Qorti li l-bilanċ dovut mill-konvenuti huwa ta' USD 654,052.98, ekwivalenti għal € 573,227.85, oltre

l-imgħaxijiet applikabbli skont il-faċilità sa mis-26 t'April, 2016, u ordni tal-Qorti sabiex il-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kkundannati jħallsu l-ammont ta' USD654,052.98, ekwivalenti għal €573,227.85, oltre l-imgħaxijiet applikabbli skont il-faċilità sa mis-26 ta' April, 2016, bl-ispejjeż u bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv.

14. Il-kuraturi deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw lid-diversi konvenuti assenti minn Malta, lkoll wieġbu li mhumiex edotti mill-fatti tal-każ.

15. Permezz tas-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar, 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ddeċidiet il-kawża fis-sens illi, laqgħet it-talbiet kollha tal-bank attur fil-konfront tal-konvenuti kollha, ħlief kontra s-soċjetà konvenuta A.S.D., peress li dik il-Qorti sabet li l-bank attur ma ressaqx il-prova sal-grad meħtieġ mil-liġi li kien hemm osservanza ta' dak miftiehem fil-klawsola 10.1 tal-ftehim tat-30 ta' Mejju, 2013, fil-konfront ta' A.S.D..

16. Il-bank attur ħassu aggravat minn dik is-sentenza, sa fejn ġiet illiberata s-soċjetà konvenuta A.S.D. u għalhekk interpona appell minnha.

17. L-appell tal-bank jissejjes fuq l-aggravju waħdieni li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li kellha quddiemha, jew li aġixxiet lil hinn mill-mansjonijiet tagħha meta fis-sentenza, minn rajha, sabet li l-

bank attur ma ressaqx prova sal-grad meħtieġ mil-liġi sabiex jipprova li verament kienet intbagħtet *letter of default* lil A.S.D.. Dan meta kien hemm (i) konferma bil-ġurament ta' żewġ rappreżentanti ta' Fimbank li din l-ittra ntbagħtet; (ii) kien hemm konferma li d-dejn għadu ma tħallasx; (iii) mid-dokumentazzjoni ppreżentata mar-rikors ġuramentat jirriżulta li bi żvista ġiet ippreżentata *letter of default* lill-konvenuti Dogan għal darbtejn u ma ġietx ippreżentata kopja tal-*letter of default* li ntbagħtet lil A.S.D.; (iv) dawn il-fatti bil-ġurament ma kinux ikkontestati mill-konvenuti waqt l-istadju tal-provi u (v) ħadd mill-konvenuti ma ressaq eċċezzjoni jew sottomissjoni quddiem l-Ewwel Qorti fis-sens li Fimbank naqset milli tippreżenta l-aħjar prova meta ma ġietx ippreżentata l-*letter of default* li ntbagħtet lil A.S.D..

18. Il-kuraturi deputati in rappreżentanza tas-soċjetà A.S.D. wieġbu li, l-ġurisprudenza hija konsistenti fis-sens li din il-Qorti, bħala waħda ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm ma tkunx manifestament ħażina. Jisħqu li ġaladarba l-*letter of default* fil-konfront ta' A.S.D. ma kinitx ippreżentata fl-atti tal-kawża, l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tal-fatti żbaljat, iżda kienet is-soċjetà attriċi li ma osservatx dak li kien stipulat fil-klawsola 10.1, peress li ma kienx hemm il-prova tagħha in atti. Jargumentaw li kien jispetta lill-Bank attur li jressaq l-aħjar prova u l-iżball tal-Bank ma jistax jintefa' fuq ħaddieħor. Dan apparti li, l-Bank appellant ma jistax jippreżenta dokument mar-rikors

tal-appell tiegħu li jitqies bħala prova ġdida li seta' ġie ppreżentat fl-ewwel istanza u għalhekk għandu jiġi sfilzat.

19. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, għalkemm għandhom raġun il-kuraturi deputati appellati, meta jgħidu fir-risposta tal-appell tagħhom, li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, jekk mhux għal xi raġuni gravi, iżda min-naħa l-oħra, din il-Qorti xorta għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat, irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Anzi, f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabbilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim'Ministru et**). Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jeħtieġ li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli, filwaqt li tqis l-aggravju tal-Bank appellant.

20. Huwa prinċipju kardinali f'materja ta' provi li, *incumbit probatio ei qui dicit non ei qui negat*, jiġifieri jispetta lil min jallega li jipprova. Għalhekk jibqa' obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti, sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. Inoltre, l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li għandha tinġieb quddiem

il-Qorti l-aħjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawza. Huwa minnu wkoll, li fl-istess provvediment jingħad li, l-Qorti għandha dritt tesiġi li titressaq l-aħjar prova, iżda dan ma jfissirx li l-Ewwel Qorti kellha xi obbligu li tikkonduċi l-provi tal-partijiet hija stess (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti tat-30 ta' April, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Nicola Ciantar & Sons Limited v. General Provisions Company Limited** u dik tas-27 ta' Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Middlesea Insurance plc v. Spot On Gypsum Limited**). Normalment, sempliċi dikjarazzjonijiet li ma jkunux sostnuti minn provi oħra konkreti, diffiċilment inisslu fil-ġudikant dak il-konvinċiment meħtieġ sabiex tali allegazzjoni tingħata l-kredibilità meħtieġa, aktar u aktar meta l-provi fl-atti aktar jagħtu sostenn lit-teżi tal-kontroparti. Kwindi huwa minnu wkoll li l-kawżi jiġu deċiżi fuq provi u mhux sempliċi dikjarazzjonijiet.

21. Madankollu, min-naħa l-oħra, kif ingħad minn din il-Qorti b'referenza għall-Artikolu 559 tal-Kap. 12, fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet **Myriam Fenech Adami v. Anna Gatt et:**

> *"20. Għalkemm huwa minnu li dina d-dispożizzjoni tal-liġi timponi fuq il-Qorti d-dmir illi tesiġi illi tinġieb l-aħjar prova, b'danakollu huwa veru wkoll illi huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti illi tiddetermina f'kull kawża partikolari u skont iċ-ċirkostanzi pertinenti għal dik il-kawża, liema prova tilħaq il-grad illi jista' jissejjaħ "l-aħjar" (ara Costantino Abela v. George Azzopardi deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005). Kemm hu hekk, hemm qbil fil-ġurisprudenza tagħna li jista' jkun hemm ċirkostanzi speċjali li jistgħu jiġġustifikaw lill-Imħallef biex ma joqgħodx fuq l-aħjar prova iżda joqgħod fuq provi oħra li jissodisfawh (ara Maria Cassano et v. Filippo Pellegrini et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta'*

*April, 1937, u Dentrade Company Limited v. Jason Briffa et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2008);*

*21. Hekk pereżempju fis-sentenza Maria Edwina Spiteri v. Yvonne Mckinnon deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2007, ingħad:*

> *"illi l-mankanza ta' esibizzjoni tad-dokumenti mhux bilfors u dejjem titraduċi ruħha fin-nuqqas ta' prova ta' l-allegazzjoni asserita. Dan għaliex it-testimonjanza tal-partijiet u dik tax-xhieda tikkostitwixxi mezz ta' prova u tidħol fost il-provi kostitwenti skond ir-rit proċedurali in kwantu, meta hekk jitqies li hu l-każ, dik it-testimonjanza u dik ix-xhieda hi garanzija ta' attendibilità u ta' objettività tad-dikjarazzjonijiet li jsiru, dment, s'intendi, ma jkunux sodisfaċentement attakkati jew kontraddetti. Naturalment ukoll, mhux bilfors jassumu valur ta' prova pjena għax kollox jiddependi mill-konvinċiment tal-ġudikant"";*

22. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, wara li din il-Qorti fliet il-provi mressqa mill-Bank attur, tħoss li ma tistax twarrab il-provi u d-dokumenti li tressqu, mill-istess Bank, daqslikieku ma ressaq prova ta' xejn fil-konfront tal-appellata A.S.D.. Lil hinn mill-fatt li l-Bank appellant ippreżenta kopja tal-ittra maħruġa fil-konfront ta' A.S.D. mar-rikors tal-appell, u l-fatt li ġew ippreżentati żewġ kopji tal-istess ittra datata 16 ta' Lulju, 2015, maħruġa fil-konfront tal-konvenuti Dogan mar-rikors promotur (ara Dok. FIM7 u Dok. FIM8), li jindikaw li aktarx dan kien żball, jibqa' l-fatt li hemm diversi provi oħra in atti li jagħtu sostenn għall-pretensjonijiet tal-bank attur.

23. Apparti d-dikjarazzjoni li saret minn Andrea Batelli fir-rikors ġuramentat, fejn jingħad minnu li:

> "*Fis-16 ta` Lulju 2015, Fimbank baghtet ittra lil A.S.D. kif ukoll ittra ohra lil Atila Dogan u Suheyla Dogan, bhala garanti skont il-Garanzija fejn talbithom ihallas id-dejn li gie arrekat mis-socjeta` Arex LLP ai termini tal-Facilita` u cioe` ta` USD 602,077.70, liema ammont jinkludi l-imghax sas-16 ta` Gunju 2015, fi zmien sebat ijiem mid-data ta` l-ittra (ara Dok FIM 8)*. ***Fimbank kienet precedentement diga`***

> ***baghtet korrespondenza lil A.S.D, lil Atila Dogan u Suheyla Dogan titlobhom jhallsu l-ammont dovut skont il-Facilita` (Dok FIM 10- FIM 12).*** *Dan il-hlas, ukoll, sad-data ta` llum, ma sarx."* (sottolinjar u enfasi ta' din il-Qorti).

Hekk ukoll, ix-xhud Sarah Engerer, *legal counsel* mal-Bank attur, waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru, 2016, b'referenza għad-dokumenti esebiti bħala Dok. FIM 7 (a fol. 65) sa Dok. FIM 12 (a fol. 77) xehdet hekk:

> "*Dawn huma notices of default li ntbagħtu mingħand Fimbank lil Dogan, lil ASD u anke lil Arex fejn qed nirrikjedu li huma jħallsu l-outstanding amounts immedjatament."*

Meta sar il-kontroeżami tax-xhud Engerer, il-mistoqsijiet kienu ċċentrati fuq il-modalità tal-ħlas u l-komunikazzjoni li l-Bank kellu mad-debituri, ma saret l-ebda mistoqsija dwar id-*default notices* jew nuqqas tagħhom.

24. Barra minn hekk, jirriżulta li effettivament il-Bank attur bagħat ittra lil A.S.D. datata 29 ta' April, 2015 (ara Dok. FIM 12) fejn A.S.D. bħala l-garanti ġiet mgħarrfa li s-soċjetà Arex kienet naqset milli tonora l-ħlasijiet pattwiti u li nkorriet ruħha f'"*default in terms of the Facility Letters".* Filwaqt li l-Ewwel Qorti għarfet din l-ittra ppreżentata fl-atti bħala *notice of default*, hija rriteniet li "*din l-ittra ta` default kienet superata bl-emenda ta` bejn Fimbank u Arex LLP tal-10 ta` Mejju 2015*" u għalhekk waslet għall-konklużjoni li Fimbank ma ressaqx il-prova sal-grada rikjest mil-liġi ta' dak kontrattwalment stipulat fil-klawsola 10.1 tal-ftehim tat-30 ta' Mejju, 2013. Fuq dan il-punt, din il-Qorti ma tistax taqbel. Dan jingħad peress li, għalkemm il-*Facility Letter* datata 30 ta' Mejju, 2013, li biha l-Bank aċċetta

li jislef lis-soċjetà konvenuta Arex LLP is-somma ta' US $7,000,000 bħala *Uncommitted Revolving Import Trade Finance Facility* (ara Dok FIM 1) kienet sussegwentement emendata diversi drabi permezz ta' *Addendum* tat-30 ta' Novembru, 2014; permezz ta' ittra datata 22 ta' Diċembru, 2014 u tal-*Addendum* tal-10 ta' Mejju, 2015, din il-Qorti ma tqisx li dan l-aħħar *addendum* biddel dak li kien hemm pattwit bejn il-Bank u l-garanti taħt il-*Guarantee and Indemnity Agreement* tat-30 ta' Mejju, 2013, jew f'dak li jseħħ qabel f'dak li huwa *default.*

25. Tant hu hekk li, l-istess *Addendum* tal-10 ta' Mejju, 2015, jipprovdi:

> "*2.1 Nothing in this Addendum shall affect the rights of the Lender with respect to any breach, noncompliance, default or event of default arising under the Agreement. The terms of this Addendum do not constitute a waiver of, agreement not to enforce, any default that has occurred, or any right arising there from, under the Agreement. The Agreement continues in full force and effect and all rights of the Lender, not modified by virtue of this Addendum, continue thereunder.*"
> (sottolinjar ta' din il-Qorti)

Dan ifisser li għalkemm l-*Addendum* jagħti skeda ġdida ta' kif kellu jitħallas lura d-dejn, l-ittra li kienet maħruġa preċedentement mill-Bank bħala *default notice,* fil-konfront tal-garanti fid-29 ta' April, 2015, ma ġietx fix-xejn, peress li hemm il-garanti kienu mgħarrfa bid-*default* tas-soċjetà debitriċi Arex LLP*,* skont l-Artikolu 10 tal-*Guarantee and Indemnity Agreement* li jorbot lill-Bank u lis-soċjetà A.S.D. Enerji Madencilik Petrol Urunleri Sanayi ve Dis Ticaret Anonim Sirketi, bħala l-garanti. Isegwi li, għalkemm kien ikun ideali li l-Bank jippreżenta wkoll fl-atti kopja tal-ittra

tas-16 ta' Lulju, 2015, mibgħuta lil A.S.D., ma jistax jitwarrab il-piż probatorju tal-ittra esebita in atti maħruġa mill-Bank fil-konfront ta' A.S.D. fid-29 ta' April, 2015 (ara Dok. FIM 12), għall-fini tal-klawsola 10.1 tal-ftehim tat-30 ta' Mejju, 2013. Wara kollox, kif osservat mill-ewwel Qorti, permezz tal-*Addendum* tal-10 ta' Mejju, 2015, kien espressament miftiehem ukoll li l-effett ta' l-emenda kellu jintemm jekk ikun hemm *default,* kif stipulat fl-Artikolu 6.1.1 tal-ftehim tat-30 ta' Mejju, 2013, kif ukoll fil-każ li jkun hemm ksur ta' obbligi ravviżati f`din l-istess emenda. (ara klawsola 8 tal-ftehim a fol. 40 tal-proċess).

26. Dan apparti li, għandu raġun il-Bank appellant jilmenta li kien sorpriż meta mingħajr ma kien hemm xi eċċezzjoni jew sottomissjoni li titfa' dubju dwar il-prova li effettivament ntbagħtet *letter of default* lil A.S.D., u l-grad tal-prova mressqa minnu, ġie maħsud meta l-Ewwel Qorti qajmet din l-eċċezzjoni minn rajha fis-sentenza appellata, mingħajr għalhekk ma akkordat l-opportunità xierqa lill-partijiet sabiex iressqu l-provi u s-sottomissjonijiet tagħhom dwar tali eċċezzjoni. L-Artikolu 732A tal-Kap. 12 jgħid hekk:

> "732A. *Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, fil-każijiet fejn il-liġi tippermetti lill-qorti li ex officio tagħti eċċezzjoni mingħajr ma tagħti dik l-eċċezzjoni qabel ma l-kawża titħalla għas-sentenza, mingħajr ma tippermetti lill-partijiet li jieħdu konjizzjoni ta' dik l-eċċezzjoni qabel ma tingħata s-sentenza, u mingħajr ma l-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu provi jew jagħmlu sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni, il-qorti m'għandhiex tagħti dik l-eċċezzjoni fis-sentenza tagħha iżda għandha tagħti dik l-eċċezzjoni fil-qorti bil-miftuħ jew permezz ta'digriet in camera u l-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu provi u jagħmlu sottomissjonijiet verbali dwar l-eċċezzjoni qabel ma tingħata s-sentenza dwar l-eċċezzjoni mogħtija mill-qorti."*

27. L-Artikolu 732A tal-Kap. 12, li ddaħħal fil-liġi proċedurali tagħna permezz tal-Att IV tas-sena 2016 (u ġie fis-seħħ b'effett mill-15 ta' Frar, 2016 permezz tal-Avviż Legali 42 tas-sena 2016) huwa intiż sabiex jiġu evitati sorpriżi, filwaqt li jassigura smigħ xieraq li jagħti l-opportunità lill-partijiet sabiex jiddefendu ruħhom. Effettivament, is-sentenza appellata ħasdet lill-Bank appellant, meta ttrattat kwistjoni li fl-ebda ħin ma ġiet dibattuta waqt il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, in kwantu l-provi mressqa mill-Bank qatt ma ġew ikkontestati jew attakkati mill-konvenuti, filwaqt li l-uniku mezz li kellu l-Bank sabiex jikkontestaha kien proprju permezz tal-appell odjern. Għalhekk din il-Qorti tqis li dan l-aggravju tal-Bank appellant huwa ġustifikat u għar-raġunijiet imfissra qabel, tqis li dan l-appell għandu jintlaqa', sabiex tilqa' t-talbiet tal-Bank attur appellant ukoll fil-konfront tas-soċjetà konvenuta A.S.D..

**Decide**

Għal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell tal-Bank Fimbank p.l.c., billi tilqgħu u filwaqt li tħassar is-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Jannar, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi, limitatament sa fejn ma laqgħetx it-talbiet 10.3, 10.4, u 10.5 tal-Bank attur fil-konfront tas-soċjetà A.S.D. Enerji Madencilik Petrol Urunleri Sanayi ve Dis Ticaret Anonim Sirketi u kkundannat lill-Bank iħallas l-ispejjeż ta' A.S.D. u minflok tilqa' t-talbiet attriċi wkoll fil-konfront tal-istess

soċjetà konvenuta u tordna lis-soċjetà A.S.D. Enerji Madencilik Petrol Urunleri Sanayi ve Dis Ticaret Anonim Sirketi, tħallas *in solidum* mal-konvenuti l-oħra l-imgħax miftiehem, b'effett mis-26 ta' April, 2016, sad-data pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjeż tal-prim'istanza u tikkonfermaha fil-bqija.

Bl-ispejjez ta' dan l-appell, tħallashom is-soċjetà konvenuta A.S.D. Enerji Madencilik Petrol Urunleri Sanayi ve Dis Ticaret Anonim Sirketi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da